# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-25 ta' Mejju 2022**

**Rikors Numru : 46/2022 JPG**

**Kawza Numru : 9**

**JR**

**Vs**

**AP**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta` JR datat 25 ta' Jannar 2022 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi ir-rikorrenti JR izzewwget lil AP fil-12 ta' Ottubru 2003, kif jirrizulta mill-kopja tac-certifikat taz-zwieg (numru progressiv tar-Registru 1928/2003) hawn taht annessa u mmarkata bhala Dok. JR1, mil-liema zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;*

*Illi JR u AP sseparaw legalment minn ma' xulxin u dana in virtu ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono datat 15 ta' Frar 2018, kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. JR2, u ghaldaqstant jissodisfaw ir-rekwizit taht l-Artikolu 66B(b) tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jottjenu id-divorzju;*

*Illi ai termini ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni gie dikjarat mill-partijiet f'paragrafu numru 5 ta' l-istess illi huma reciprokament iddekadew mid-dritt li*

*jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin u kwindi ma hemm l-ebda kwistjoni ta' manteniment bejn il-partijiet;*

*Illi lanqas ma hemm kwistjonijiet ta' manteniment rigward tfal u dana peress illi l-istess partijiet ma kellhomx tfal minn dan iz-zwieg kif specifikat aktar 'il fuq;*

*Illi ma jezisti l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li l-partijiet it-tnejn illum ghandhom il-hajja privata taghhom separata minn xulxin;*

*Illi flimkien ma' dan ir-rikors qiegħed jigi ukoll prezentat affidavit tar-rikorrenti JR li jikkonferma l-kontenut ta' dan ir-rikors, hawn taht anness u mmarkat bhala Dok. JR3;*

*Illi ghalhekk jissussistu l-elementi kollha sabiex jigi akkordat d-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet JR u AP b'divorzju u dana ai termini ta' l-Artikolu 66A et seq tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta AP, datata 16 ta' Mejju 2022, a fol 16 li taqra hekk:

*Illi l-esponenti jikkonferma li l-kontendenti zzewwgu fit-12 t'Ottubru, 2003, mil-liema zwieg ma kellhomx tfal.*

*Illi l-esponenti jikkonferma wkoll li fil-15 ta' Frar, 2018 sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono.*

*Illi l-esponenti jikkonferma li l-kontendenti ilhom separati ghal aktar minn sena.*

*Illi m'hemmx kwistjonijiet pendenti bejniethom dwar manteniment u m'hemmx tama ghal rikonciljazzjoni.*

*Illi flimkien ma' din ir-risposta, l-esponenti qed jipprezenta l-affidavit tieghu in sostenn tal-premess (**Dok. AP 1**).*

*Illi ghalhekk l-esponenti jissottometti li filwaqt li huwa m'ghandux oggezzjoni li jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-kontendenti, l-ispejjez kollha ghal tali procedura ghandhom jigu ssoportati mir-rikorrenti.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' Dr Scott ghan-nom ta AP datata 16 ta' Mejju 2022, illi permezz taghha l-intimat ddikjara li kellux aktar provi x'jipproduci jew trattazzjoni x'jaghmel u stieden il-Qorti tghaddi ghas-sentenza; vide fol 18;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**JR xehdet** (vide affidavit fol 8) illi l-partijiet zzewgu nhar it-12 ta' Ottubru 2003 u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt datat 15 ta' Frar 2018 fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono. Iddikjarat illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Di piu' ikkonfermat illi ma hemm ebda manteniment dovut

bejniethom.

**AP xehed** (vide affidavit fol 17) u kkonferma u kkollabora dak li xehdet l-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-***

***miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-12 ta' Ottubru 2003, liema zwieg jgib certifikat numru 1928/2003 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono nhar il-15 ta' Frar 2018 (vide kuntratt ta' separazzjoni fol 4 et seqq). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1928/2003 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**